# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt     website : www.birgu.gov.mt

7 ta' Lulju, 2010

## Minuti tal-laqgha 45(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 45(05) fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta 6 ta' Lulju, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat, minhabba ragunijiet ta' xoghol.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 44(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.4(44/05) Talba ghad-devoluzzjoni ta' l-area maghrufa bhala "Il-Glaziz"

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li t-talba ghad-devoluzzjoni ta' l-area maghrufa bhala "Il-Glaziz", kienet ntbghatet lid-dipartiment ghal Gvern Lokali. Barra min hekk is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu diga ffirma l-kuntratt ghad-devoluzjoni ta' din l-area.

Hawnhekk, is-sur Boxall, pprezenta Memo 73/2010 dwar inizjattivi ghal premju lokalitajiet indaf, mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jippartecipa f'din l-inizjattiva fejn ser tigi organizzata attivita ta' tindif f'din l-area. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 <u>Item 2.6 Talba ghad-devoluzzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte. .</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu ma rcieva l-ebda risposta dwar it-talba ghad-devoluzzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte. Il-Kunsill iddecieda li ghandha tintbaghat ittra ohra relatata fuq dan is-suggett lil Kummisarju ta' l-Artijiet.

## 2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku, pprezenta ittra mibghuta mil-Professur Giovanni Lobrano, Segretarju ta' l-Assocjazzjoni ta' l-Ibliet Storici fil-Mediterran, fejn nforma lil istess Kunsill bl-ispejjez involuti ghal organizzazjoni tal-konferenza ta' din l-assocjazzjoni gewwa Malta, ezattament fil-Birgu. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jara l-ispejjez kollha involuti u kemm ser tigi tiswa ezattament l-organizzazjoni ta' din il-konferenza, kif ukoll l-ghajnuna kollha li jista' jinghata lil Kunsill minn entitajiet governattivi u b'hekk il-Kunsill jkun f'pozizjoni ahjar biex jara jekk mhux viabli li din l-konferenza tigi organizzata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera, korrispondenza mibghuta mis-sinjura Reem Chalabi, ko-ordinatrici tal-Fondazzjoni Tyr, fejn stiednet lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jissieheb f'din l-assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'din l-Assocjazzjoni. Barra min hekk is-Sindku, s-sur John Boxall, zied jghid li f'Lulju tas-sena 2011, din l-Assocjazjoni hemm mahsub li ser taghmel il-laqgha annwali taghha gewwa Malta u biex issir dan xtaqet il-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda unanimament li ghandha tintalab l-ghajnuna possibli sabiex din il-konferenza issir f'Malta u propju fil-Birgu

2.3 Is- Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li nhar il-Gimgha 16 ta' Lulju, 2010, fi 15:30 ta' wara nofsinhar ser issir zjara ufficjali mil-Onor. Dr. Chris Said fejn ser jigu diskussi progetti pendent fil-lokalita tal-Birgu.

2.4 Ittra mil-Kunsill Pastorali Parrokkjali Parrocca Senglea – Kummissjoni Festi Esterni, fejn talbu l-permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fl-okkazjoni tal-Festa ta' Maria Bambina ezattament fi 7 u t-8 ta' Settembru, 2010, jinharaq l-loghob tan-nar mil-area maghrufa bhala "tal-Glaziz" fil-konfini tal-Birgu. Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali tal-Birgu unanimament qabel sabiex ma japprovax din it-talba u dan ghal fatt li din iz-zona ghada kemm giet devoluta lil Kunsill Lokali tal-Birgu u fix-xhur li gejjien il-Kunsill ser jibda x-xoghlijiet necessarji sabiex jizvillupa u jnaddaf din l-area.

2.5 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-ebda applikazzjoni mil-hames applikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Birgu mibghuta taht l-iskema "Fondi Specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali", mahruga permezz ta' Memo 15/2010, ma gietx maghzula biex tinghata l-ghajnuna finanzjarja. Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra mibghuta lis-sur Martin Bugelli, Direttur Generali fejn talab sabiex jigu specifikati l-kriterji li setghu jissodisfaw lill-Bord ta' l-evalwazjoni relatati ma' l-istess applikazzjonijiet u wisq aktar l-iskemi l-ohra li l-istess Kunsill seta' japplika tahthom.

2.6 Is-Sindku s-sur John Boxall, rrefera lil Kunsilliera ghal "Website Service Agreement" mal-Kumpanija JCM webs, il-kumpanijia li ddisinjat l-website tal-Kunsill li gie diskuss fil-laqgha 42(05) fejn il-Kunsill unanimament kien iddecieda li jaghzel is-servizz ta' 20 siegha fis-sena. Wara diskussjoni, s-Sindku spjega kif il-Kunsill qieghed juza spiss dan is-servizz tant li f'dawn l-ahhar tlett xhur is-sighat totali kien ta' 9 sighat u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel is-servizz ta' 50 siegha fis-sena ghal prezz ta' € 944. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>Rapport fuq il-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle</u>

Il-Kunsilliera Miriam Grech, tat rendikont tal-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle li saret bejn it-18 u d-19 ta' Gunju, 2010, fil-belt ta' Caernarfon gewwa Wales. Il-Kunsilliera Miriam Grech infurmat lil kunsilliera prezenti li hija x-xewqa ta' din l-assocjazzjoni sabiex l-konferenza annwali taghha ghas-sena 2011 issir gewwa Malta bil-possibilita li ssir fil-Birgu u fil-Belt Kapitali, Valletta. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, qal li jekk il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta huwa lest li jorganizza din il-konferenza bi shab mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-istess Kunsill ma ghandu jsib l-ebda oggezzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-kunsilliera Miriam Grech, nfurmat lil kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu irid ihallas l-*membership fee* ta' sena ta' l-Assocjazzjoni "Walled Towns Friendship Circle" dik ta' € 140. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. <u>Approvazzjoni ta' l-iskema ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet storici</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghall-iskema ta' finanzjament ta' restawr ta' postijiet storici zghar (Memo 21/2010), ghal progett ta' restawr tan-nicca ta' San Duminku fi Triq Pawlu Boffa u r-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Lawrenz giet approvata, u l-Kunsill nghata s-somma ta' € 15,000 mil-Kumitat ta' l-Evalwazjoni, ghar-restawr taz-zewgt niccec.

5. **<u>Zvillupi dwar il-preparamenti ta' l-attivita tal-BirguFest 2010</u>**

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2010. Is-Sindku qal li s-sottokumitat organizzattiv tal-BirguFest 2010, ltaqa' ghal ewwel darba nhar it-Tnejn 21 ta' Gunju, 2010 u informa lil Kunsilliera li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 14 ta' Lulju, 2010. Is-Sindku nforma ukoll li bhal issa qeghdin isiru bosta laqghat ma' bosta entitajiet differenti sabiex jinstab l-ahjar prodott ghal din l-attivita li ser tkun ibbazata fuq tlett ijiem.

6. **<u>Il-Konferenza Generali ta' l-Assocjazzjoni AVEC gewwa Osijek fil-Kroazja.</u>**

Is- Sindku pprezenta invit mil-Assocjazzjoni AVEC sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fil-laqgha tal-Kunsill Aministrattiv ta' din l-Assocjazjoni li ser issir bejn l-14 u s-16 t'Ottubru, 2010 gewwa Osijek, Croatia. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jippartecipa u ghal din il-konferenza jattendi s-Sindku s-sur John Boxall u s-Segretarja Ezekuttiva, s-sinjorina Christine Bonello.

7. **<u>Zvillupi dwar il-Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli</u>**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet pendent inkonessjoni mal-Progett tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli. Is-Sindku stqar li fil-prezent, il-Kunsill qieghed jsib diffikultajiet kbar sabiex jaghmel kuntatt mal-Perit responsabli min dan il-progett, il-Perit Duncan Mifsud, sabiex jigu solvuti l-affarijiet li hemm pendent li qed jigu mitluba mill-entitajiet koncernati. Is-Sindku kompla billi qqal li din is-sitwazzjoni mhux wahda pjacevoli anzi qeghdin jinholqu dubji kemm qieghed issir sforz sabiex tinghata l-informazzjoni mehtiega lil MEPA sabiex l-istess MEPA tapprova l-permessi mehtiega. Wara diskussjoni, il-Kunsill b'vot unanimu ddecieda li tintbaghat ittra lil Perit Duncan Mifsud fejn tintalab spjegazzjoni ta' l-izvillupi kollha dwar dan il-progett.

Il-laqgha ntemmet fil-7:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 21 ta' Lulju 2010 fis-5 :30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva